MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2004

Avviz Numru. 107/2004

Avviz Nru 107/04DM

Preluna Limited

Vs

Island Spa Holding Limited

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-kumpanija konvenuta ghall-hlas tas-somma ta’ erbat elef, erbgha mija hamsa u tmenin lira Maltin u sbatax-il centezmu (Lm4,485.17) rapprezentanti hlas ta’ arretrati dovuti minnhom lis-socjeta’ attrici in konnessjoni ma’ kuntratt bejn il-partijiet datat 1 ta’ Ottubru, 2003, u terminat fit-23 ta’ Jannar, 2004, u ammonti ohra relatati ma’ l-istess kuntratt hawn fuq imsemmi kif jirrizulta mid-dokumenti annessi mall-avviz  ‘A’ u ‘B’.

Bl-imghax u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju datat 4 ta' Frar, 2004, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici u lanqas ma deher ebda rapprezentant taghhom fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qeghda tilqa' it-talba attrici, tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' erba t'elef, erba' mija hamsa u tmenin lira Maltin u sbatax-il centezmu (Lm4,485.17) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxijiet legali b'effett mit-18 ta' Frar, 2004.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------